MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta tat-22 ta' Mejju, 2009

Numru 231/2009

**Pulizija**
**(Spettur Michael Mallia)**

**vs**

**Paul Borg**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Paul Borg ta’ 54 sena, bin Edward u Giorgia nee’ Micallef, imwieled Birkirkara fis-6 ta’ Frar 1954, residenti fil-fond ‘Regent Place’ Flat 6, Triq Nazju Falzon, Birkirkara u detentur tal-karta tal-identita’ numru 174954(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

Fid-29 ta’ Frar 2008 u fil-gimghat ta’ qabel din id-data f’ diversi lokalitajiet madwar Malta b’ qerq fetah jew gieghel li jigi miftuh xi oggett postali li kellu jigi kkunsinnat, jew b’

qerq ghamel xi att li bih il-kunsinna xierqa ta' oggett postali kienet impeduta jew imtawla, jew ikkomunika jew ghamel uzu minn xi taghrif miksub minn oggett postali hekk miftuh;

Fl-istess perijodu u cirkostanzi, bhala ufficjal ta' operatur postali, agixxa bi ksur tad-dikjarazzjoni bil-gurament li saret skond id-dispozizzjoni ta' l-artikolu 30, tal-Kapitolu 254 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 11 ta' Marzu 2009 (esebit a fol. 5 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat li l-imputat waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tal-22 ta' Mejju, 2009 iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fis-seduta tat-22 ta' Mejju 2009 ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u tat zmien xieraq sabiex jekk trid terga lura minnha u kien biss wara li staqsietu it-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni taghha.

Illi ghalhekk fuq ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tal-istess imputat l-Qorti m'ghandhiex triq ohra hlief li tiddikjara li qed issib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti taghha kif minnu ammessi.

Ghall-finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat, il-fedina penali netta tal-imputat (esebita *a folio* 7 tal-process) u l-fatt li l-imputat ammetta l-akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu fi stadju daqshekk bikri tal-proceduri.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikolu 30 tal-Kap 254 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u b' applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor sa zmien sentejn(2) millum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------